**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Neville Camilleri B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Johann J. Fenech)**
**(Spettur Melvyn Camilleri)**

**vs.**

**Sandra Grixti**

Numru: 1219/2014

Illum 30 ta' Mejju 2019

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputata **Sandra Grixti**, ta' sitta u ghoxrin (26) sena, imwielda Pieta' fl-14 ta' Marzu 1988, bint Alfred u Catherine neé Cachia, prezentement detenuta fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin, detentrici tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 138388(M)

akkuzata talli f'dawn il-Gzejjer fix-xahar ta' Lulju 2014 b'diversi atti maghmulin, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. minn gewwa z-Zurrieq, ikkommettiet serq ta' diversi kannestri tal-haxix u oggetti ohra, liema hwejjeg ma jiswewx iktar minn €232.94, ghad-dannu ta' Joseph Sammut miz-Zurrieq, liema serq huwa kwalifikat bil-hin;

2. minn gewwa z-Zejtun, ikkommettiet serq ta' diversi kannestri tal-haxix, liema hwejjeg ma jiswewx iktar minn €232.94, ghad-dannu ta' Saviour Formosa miz-Zejtun, liema serq huwa kkwalifikat bil-lok;

3. minn gewwa Hal-Safi, ikkommettiet serq ta' diversi kannestri tal-haxix, liema hwejjeg ma jiswewx iktar minn €232.94, ghad-dannu ta' Paul Cachia minn Hal-Safi;

4. minn gewwa l-Mqabba, ikkommettiet serq ta' diversi kannestri tal-haxix, liema hwejjeg jiswew iktar minn €232.94, ghad-dannu ta' Mario Scicluna mill-Mqabba, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur, bil-hin u x-xorta tal-haga misruqa;

5. minn gewwa z-Zurrieq, ikkommettiet serq ta' diversi kannestri tal-haxix, liema hwejjeg ma jiswewx iktar minn €232.94, ghad-dannu ta' Edith Sacco miz-Zurrieq;

6. minn gewwa z-Zurrieq, ikkommettiet serq ta' kartiera u oggetti ohra, liema hwejjeg ma jiswewx iktar minn €232.94 ghad-dannu ta' Terence Schembri miz-Zurrieq, liema serq huwa kkwalifikat bix-xorta tal-haga misruqa;

7. xjentement laqghet ghandha jew xtrat hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun, indahlet biex tbieghhom jew tmexxiehom.

Il-Qorti giet mitluba titratta mal-imputata bhala wahda li kisret kundizzjoni mposta fuqha b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magt Dr A Demicoli LL.D., nhar l-01/04/2014.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex, b'kaz ta' htija, tikkundanna lill-akkuzata ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti processwali kollha ta' dan il-kaz.

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (*a fol.* 4).

Rat li meta sar l-ezami tal-imputata, l-imputata tat il-kunsens taghha sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (*a fol.* 16).

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet datat 30 ta' Gunju 2015 moghti mill-Prim'Imhallef Emeritus Silvio Camilleri (*a fol.* 9 *et seq.*).

Semghet ix-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni.

Semghet, fis-seduta tat-8 ta' Marzu 2018, lill-imputata tiddikjara li kienet ser taghzel li ma tixhidx f'dawn il-proceduri (*a fol.* 136).

Rat id-Digriet moghti fl-4 ta' Dicembru 2018 fejn il-Qorti cahdet talba tad-difiza sabiex din il-Qorti tigi kkonverita f'Qorti dwar id-Droga (*a fol.* 161 *et seq.*).

Semghet, fis-seduta tat-12 ta' Frar 2019, lid-difiza tinforma lill-Qorti li ma kellhiex xhieda xi tressaq f'dan il-kaz u dan ghajr ghax-xhieda li resqet fir-rigward tat-talba taghha *ai termini* ta' l-Artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Ligijiet ta' Malta (*a fol.* 165).

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni pprezentata fid-29 ta' Marzu 2019 (*a fol.* 166 *et seq.*).

Semghet, fis-seduta tal-4 ta' April 2019 (*a fol.* 168), lid-difiza tiddikjara li kienet qed tirtira r-rizerva taghha fir-rigward ta' dak verbalizzat minnha fis-seduta tat-22 ta' Novembru 2016 (*a fol.* 104) fir-rigward tan-nomina ta' Dr. Martin Bajada.

Semghet, fis-seduta tal-4 ta' April 2019, is-sottomissjonijiet finali bil-fomm da parte tad-difiza (*a fol.* 169 *et seq.*).

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi taghmel riferenza ghax-xiehda u ghad-dokumenti saljenti li gew mismugha u prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Illi, fis-seduta tad-29 ta' Settembru 2015, xehed **l-Ufficjal Prosekutur is-Supretendent già Spettur Johann J. Fenech** (*a fol.* 17 *et seq.*) fejn spjega li dan il-kaz imur lura ghat-2 ta' Awwissu 2014 fejn dakinhar kien gie nfurmat minn PS 639 stazzjonat fl-Ghassa tal-Pulizija taz-Zejtun li certu Paul Cachia (I.D. Nru 369490(M)) kien ghamel rapport gewwa l-Ghassa tal-Pulizija taz-Zurrieq fis-26 ta' Lulju 2014 ghall-habta tas-2.20pm fejn fil-kapacita' tieghu bhala bniedem li jmexxi hanut li jbiegh il-hxejjex gewwa Triq San Gwann, Hal-Safi, skopra li xi hadd kien hadlu xi kaxxi hodor li fihom izomm il-frott. Spjega x'inghad iktar fir-rapport, fosthom li dan Cachia qal li kellu sistema ta' CCTV imwahhla u meta ra l-filmat osserva vettura ta' lewn blu skur tieqaf xi metri l'boghod mill-bieb tal-istabbiliment u hekk kif din il-vettura waqfet hemm ra tfajla b'xaghra isfar naqra qawwija niezla minn naha tal-passiggier ta' quddiem tal-istess vettura u bdiet tghabbi l-kannestri go din il-vettura u mbaghad dahlet fil-vettura u l-vettura saqet l'hemm. Jghid li beda l-istharrig fosthom li huwa (Fenech) ra l-filmat flimkien mas-Surgent fejn gie konfermat dak kollu li kien inghad. Jghid li s-Surgent kien gharrfu li kienu graw serqiet simili, liema serqiet gew rappurtati fl-Ghassa tal-Pulizija taz-Zurrieq fil-jiem ta' qabel ghamel ir-rapport Cachia.

Jghid li hu (Fenech) gabar ir-rapporti kollha li saru fuq dawn is-serqiet, inkluz il-filmati, f'kaz li kien hemm. Jghid li gabar seba'

rapporti li kienu jirrigwardaw serqiet ta' kannestri tal-frott u zewg filmati. Jghid li gie nfurmat l-iSpettur Camilleri fejn investigaw dawn is-serqiet flimkien.

Jixhed li wiehed mir-rapporti kien dak ta' Hal-Safi maghmul minn Paul Cachia msemmi hawn fuq. Jghid li kien hemm rapport iehor rigward serq ta' kannestri minn go hanut "Filder Market" li jinsab iz-Zurrieq, liema rapport sar fit-22 ta' Lulju 2014 rigward serq li sehh fil-lejl ta' bejn il-21 u t-22 ta' Lulju 2014. Jixhed li s-sid huwa Joseph Sammut (I.D. Nru. 277782(M)) u jispjega x'qal Sammut u li l-imsemmi Sammut ghaddielhom il-filmat f'liema filmat dehru ragel u tfajla li gew innutati jghabbu dawn il-kaxxi go vettura. Jghid li filwaqt li t-tfajla li dehret f'dan il-filmat kellha xaghra isfar u kienet ftit qawwija, ir-ragel kien irqiq u beda jghatti wiccu. Ikompli jixhed li saret serqa simili fil-25 ta' Lulju 2014 miz-Zejtun u li fit-28 ta' Lulju 2014 mar jirraporta xi hadd li jghix hemmhekk fejn qal li kellu l-vann bin-numru ta' registrazzjoni CBA 646 ipparkjat quddiem id-dar tieghu fejn mal-lejl xi hadd hadlu numru ta' kannestri vojt. Jghid: *"Dan ra l-filmat mhux tieghu izda tal-gar tieghu li ma xtaqx pero' jaghti iktar dettalji tieghu fejn l-istess giet innutata vettura tal-ghamla Vauxhall il-filmat kien iktar car u allura wiehed seta' jara iktar dettalji u fil-fatt hemmhekk giet innutata vettura tal-ghamla Vauxhall bin-numru KEV 113"* (*a fol.* 18). Jghid li din il-vettura waqfet hdejn id-dar ta' dan li ghamel ir-rapport l-Imqabba, fejn nizlu ragel u tfajla li bdew jghabbu l-kannestri minn gol-vann ta' dak li ghamel ir-rapport. Jghid li l-kaxxi tghabbew gol-vettura u l-istess deskrizzjoni taghhom qablet ma' dawk in-nies li kienu nvoluti fiz-zewg rapporti ta' qabel dan.

Ikompli jixhed li l-ghada marret taghmel rapport l-Ghassa tal-Pulizija taz-Zurrieq certu Edith Sacco (I.D. Nru. 8478(M)) li ghandha stabbiliment fiz-Zurrieq fejn irrapurtat li xi hadd kien hadielha ghoxrin kannestru. Jghid x'qalet din il-mara fir-rigward ta' dak li qaltilha ommha li kienet rat. Jghid: *"Dan qaltilna wkoll li kienet tafha mill-wicc din u ndikatilna li dik it-tfajla jista' jkun li kienet l-imputata"* (*a fol.* 19). Jispjega li serqa ohra giet rappurtata dakinhar stess fl-Ghassa tal-Pulizija taz-Zurrieq ghall-habta tas-13.30pm fejn certu Terence Schembri (I.D. Nru. 538483(M)) irraporta li ghall-habta tal-

11.30am waqt li kien fiz-Zurrieq bil-vettura tieghu bin-numru ta' registrazzjoni EAU 639 avvicinatu tfajla li mid-deskrizzjoni li tahom taqbel ma' dik tal-imputata fejn qal li haditlu xi flus u *wallet* li kienu gol-vettura tieghu. Jghid li l-imsemmi Schembri tahom deskrizzjoni ta' din it-tfajla u qalilhom li *"jista' jkun t-talija"* (*a fol.* 19).

Jixhed li minn stharrig li sar irrizulta li l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni KEV 113 kienet vettura Opel li kienet tghajjat lil certu Christian Said (I.D. 103884(M)) mill-Fgura. Jghid li huwa (Fenech) informa lin-nies tieghu biex isibulu lill-imputata biex ikellimha pero' gie skopert li wara dak iz-zmien kienet il-habs fuq xi serq iehor. Jghid li gab Mandat ta' Arrest u Tfittxija fil-konfront ta' Said u li minn tfittxija li saret fid-dar tieghu fil-Fgura ma nstab xejn suspettuz. Jghid li Christian Said ghazel li ma jwiegeb ghall-ebda domanda li saritlu u li sussegwentement ittiehdu passi kontrieh. Jghid li l-imputata ma wiegbet ghall-ebda domanda li saritilha. Ezebixxa l-istqarrija rilaxxata minnha li giet immarkata bhala Dok. "JF 1" (*a fol.* 21 *et seq.*).

**L-Ufficjal Prosekutur is-Supretendent Johann J. Fenech** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tat-28 ta' Ottubru 2014 (*a fol.* 51) fejn ezebixxa sentenza moghtija fl-1 ta' April 2014 li jghid li giet moghtija fil-konfront tal-imputata. Din is-sentenza giet immarkata bhala Dok. "JF 2" (*a fol.* 52 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tad-29 ta' Settembru 2015, xehed ukoll **l-Ufficjal Prosekutur l-iSpettur Melvyn Camilleri** (*a fol.* 24 *et seq.*) fejn qal li fit-2 ta' Awwissu 2014 kellmu l-iSpettur Fenech dwar xi serqiet li kienu sehhew fid-distrett taghhom. Jghid li hu (Camilleri) diga' kellu xi informazzjoni dwar zewg serqiet ta' kaxxi tal-pitkalija li kienu sehhew fiz-Zurrieq. Jghid li ngabru r-rapporti kollha, li jispecifika li kienu sebgha, u jghid li: *"ghandhom l-istess modus operandi"* (*a fol.* 24). Jghid li mill-informazzjoni li kellu kienet qed tintuza vettura ta' lewn blu bin-numru ta' registrazzjoni KEV 113 li kienet tghajjat lil Christian Said u li mill-filmati kien jidher li minnha kienet tohrog tfajla b'xaghra isfar. Jghid li meta gie mitkellem Said, huwa nnega li kien hu u fir-rigward tal-fatt li f'wiehed mill-filmati dehret il-vettura li kien qed juza, qal li seta'

kien il-kaz li l-vettura ma kinitx qed tigi misjuqa minnu. Jghid: *"u fil-fatt fil-filmat li kien deher tal-Filder Market minhabba li tidher it-tfajla biss u r-ragel ma kienx jidher wiccu minhabba li kien mghotti bil-beritta kien innega li seta' kien hu, kien qalilna li setghet kienet Sandra marret ma' xi hadd iehor imma setghet ma kinitx Sandra"* (*a fol.* 24). Jghid li Sandra hija l-imputata. Jghid li meta l-imputata giet mitkellma minnu u mill-iSpettur Fenech, l-imputata ma wiegbet ghall-ebda domanda. Ikkonferma li l-istqarrija taghha hija dik li tinsab immarkata bhala Dok. "JF 1" (*a fol.* 21 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tad-29 ta' Settembru 2015, xehed ukoll **PS 1227 Malcolm Pace** (*a fol.* 26 *et seq.*) fejn ezebixxa l-okkorrenza li parti minnha giet mhejjija minnu, liema parti giet konfermata minnu. Din l-okkorrenza giet immarkata bhala Dok. "MP 1" (*a fol.* 28 *et seq.*). Jghid li fuq dan il-kaz ma kellimx lill-imputata, pero' indikaha fl-awla.

Illi, fis-seduta tat-28 ta' Ottubru 2015, xehed **PS 1429 Eric Mangion** (*a fol.* 33) fejn ezebixxa l-okkorrenza li saritlu fit-22 ta' Awwissu 2014, liema okkorrenza giet immarkata bhala Dok. "EM 1" (*a fol.* 34 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tat-28 ta' Ottubru 2015, xehed ukoll **PS 1434 Mario Mercieca** (*a fol.* 36 *et seq.*) fejn ezebixxa l-okkorrenza dwar rapport li sar fit-22 ta' Lulju 2014 rigward dak li gara bejn il-21 u t-22 ta' Lulju 2014, liema okkorrenza giet immarkata bhala Dok. "MM 1" (*a fol.* 38 *et seq.*). Ikkonferma l-kontenut taghha.

**PS 1434 Mario Mercieca** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tal-20 ta' Jannar 2016 (*a fol.* 56 *et seq.*) fejn ezebixxa tliet rapporti li ha hu stess li gew immarkati bhala Dok. "MM 2" (*a fol.* 58 *et seq.*), Dok. "MM 3" (*a fol.* 62 *et seq.*) u Dok. "MM 4" (*a fol.* 65 *et seq.*). Ikkonferma l-kontenut taghhom.

Illi, fis-seduta tat-28 ta' Ottubru 2015, xehed ukoll **PS 639 Jean Mangion** (*a fol.* 41 *et seq.*) fejn ezebixxa zewg rapporti li hadhom hu stess li gew immarkati bhala Dok. "JM 1" (*a fol.* 43 *et seq.*) u Dok. "JM 2" (*a fol.* 46 *et seq.*). Ikkonferma l-kontenut taghhom.

Illi, fis-seduta tat-28 ta' Ottubru 2015, xehdet ukoll **WPC 228 Maryanne Scicluna** (*a fol.* 49 *et seq.*) fejn spjegat li hija dahlet rapport Dok. "JM 2" (*a fol.* 46 *et seq.*). Tghid li kien hemm PS 639 qed ilehhaq l-Ghassa tal-Pulizija taz-Zurrieq u li l-*complainant* ghamel rapport l-Ghassa taz-Zurrieq. Hija kkonfermat l-kontenut tieghu. Giet murija wkoll rapport immarkat bhala Dok. "MP 1" (*a fol.* 28 *et seq.*) u kkonfermat iz-zewg *updates* li saru minnha u li jidhru fir-rapport.

Illi, fis-seduta tal-20 ta' Jannar 2016, xehed **Joseph Sammut** (*a fol.* 69 *et seq.*) fejn qal li ghandu hanut *grocer* bl-isem ta' "Filder Market" li jinsab fi Vjal ix-Xarolla, iz-Zurrieq. Meta gie mistoqsi dwar rapport li sar minnu fl-Ghassa tal-Pulizija taz-Zurrieq fis-sena 2014, qal li jiftakar li gie misruq u jispecifika li fuq barra tal-hanut kellu xi haxix gol-kannestri u filghodu ma nstabx. Jghid li l-filmat mill-*camera* ghaddieh lill-Pulizija. Mistoqsi jghid meta ghamel ir-rapport, jghid li ghadda hafna zmien u ma jiftakarx jekk kienx is-sajf jew ix-xitwa. Mistoqsi jghid x'hadulu, wiegeb li hadulu kannestru u haxix. Ma jiftakarx kemm il-kannestru hadulu pero' jghid li fuq ir-rapport ghandu jkun hemm. Ma jiftakarx lanqas x'valur kellhom il-kannestri li hadulu. Jghid li zgur ma kienux jaqbzu l-mitt Euro (€100). Mistoqsi dwar il-valur tal-haxix li hadulu, wiegeb: *"Jien jekk miniex sejjer zball konna tajna valur b'kollox kannestri u haxix imma miniex cert din fuqha lanqas"* (*a fol.* 70). Jikkonferma li l-hanut huwa mghammar bis-CCTV *cameras*. Mistoqsi jghid x'ra fil-filmat, jghid li ra li kien hemm zewg persuni tilghin it-tarag u jaqbdu l-kannestru u jerghu jinzlu t-tarag. Mitlub jiddeskrivi lil dawn il-persuni jghid li nesa u li ma ghandux idea. Jixhed: *"Naf li kienu ragel u mara imma ma niftakarx iktar"* (*a fol.* 70). Mistoqsi jghid jekk jiftakarx kif kienet l-istatura taghhom, wiegeb: *"Ifhimni bil-cameras ma kienux jidhru daqshekk cari"* (*a fol.* 70). Jiftakar li dawn iz-zewg min nies kienu b'vettura li lanqas jista' jiddeskriviha peress li raha biss mill-fanal taghha.

Illi, fis-seduta tal-20 ta' Jannar 2016, xehed ukoll **Mario Scicluna** (*a fol.* 72 *et seq.*) fejn spjega li fit-28 ta' Lulju 2014 mar jaghmel rapport fl-Ghassa tal-Pulizija peress li kienu nsterqulu xi kaxxi minn gol-vettura tieghu li hija Mitsubishi Pick-Up bil-kaxxa miftuha fuq wara

ta' kulur celesti bin-numru ta' registrazzjoni CBA 646 u li kienet ipparkjata quddiem id-dar tieghu. Jghid li s-serqa saret fil-lejl ta' bejn is-27 ta' Lulju 2014 u t-28 ta' Lulju 2014, bejn wiehed u iehor mill-11.30pm sa xi 00.300am. Jghid li minn gol-vettura hadulu madwar tletin kaxxa tal-Pitkalija. Jghid li llum il-gurnata dawn jiswew mal-ghaxar Euro (€10.00) il-wahda. Jixhed li l-kaxxi kienu mghottija b'incirata fil-kaxxa tal-vann. Jispega li lilu tawh informazzjoni ta' numru ta' vettura u li kienu mara u ragel. Jispjega li huwa ra filmat tas-CCTV *cameras* fejn ir-ragel ma deherx imma l-mara, bejn wiehed u iehor, tidher. Jghid li l-filmat ma giex ghandu pero' jghid li rah. Jixhed li fil-filmat ra idejn ta' ragel minn gol-vann tieghu u l-mara tiehu minn go jdejh u titfaghhom go vettura ta' kulur blu jew xi haga simili. Jghid li l-vettura kienet xi Vauxhall u li ma rnexxielux jara n-numru taghha. Jghid li, jekk mhux sejjer zball, il-hgiega ta' wara tal-vettura ma kinitx hemm u li setgha jinnota li l-mara kienet daqxejn mibruma u ghandu amment li kellha xaghra li kien daqxejn fl-isfar. Jghid li jista' jkun li l-mara kienet l-imputata.

In <u>kontro-ezami</u> ghad-domanda: *"Mela inti cert li hi, mintiex qed tghid possibbli li hi"* (*a fol.* 75), wiegeb: *"Ghax mill-istatura taghha minn wara rajtha jien"* (*a fol.* 75). Jghid li l-vettura li rriferi ghaliha in ezami hija *station wagon "karrozza kienet minghajr hgiega ta' wara u dahhluha gol-hgiega"* (*a fol.* 75). Meta gie ssuggeriet lilu li naqsulu ghoxrin kaxxa, wiegeb: *"Le kelli iktar minn ghoxrin ghax filghaxija qbadthom minn gor-razzett tieghi, tfajthom u ma qaghadtx nghodd kemm kelli ezatt"* (*a fol.* 75). Ghad-domanda: *"imma numru ezatt ma tafx kemm ghandek?"* (*a fol.* 75), wiegeb: *"Sa tletin xi haga hekk"* (*a fol.* 75). Wara qal: *"Bejn wiehed u iehor xi hamsa u ghoxrin kien hemm"* (*a fol.* 75).

Illi, fis-seduta tal-20 ta' Jannar 2016, xehed ukoll **Terence Schembri** (*a fol.* 76 *et seq.*) fejn ghad-domanda jekk hux minnu li fis-sena 2014 ghamel rapport fl-Ghassa tal-Pulizija taz-Zurrieq, wiegeb fl-affermattiv. Ma jiftakarx ix-xahar pero' jiftakar li kien is-Sajf. Jghid li mar jaghmel rapport peress li kien xoghol iz-Zurrieq u hadulu l-kartiera minn gol-vettura u jispecifika li kienet jew fis-*seat* jew fuq id-*dashboard*, pero' jahseb li fuq is-*seat* tal-passiggier tal-vettura Skoda bin-numru ta' registrazzjoni EAU 695. Jghid: *"Kelli l-kartiera, kelli l-cards, il-visa, l-cashlink imma ma kienx hemm xi flus kbar fiha"* (*a*

*fol.* 76). Mistoqsi jghid kemm kellu flus fil-kartiera, wiegeb: *"Ma niftakarx ezatt ghax ma nzommx flus fuqi hafna"* (*a fol.* 76). Jghid li ma sabx hsara fil-vettura u mistoqsi jghid kif irnexxielhom jehdulu l-kartiera, wiegeb: *"Ghax kienet ipparkjata kont qed nitkellem, iehor kelli l-crane fin-nofs nahdmu u kont qed inkellem lil warden u sakemm inzilt naghtih il-permess, haduli l-kartiera"* (*a fol.* 77). Jghid li l-vettura kienet maghluqa bil-hgieg pero' ma kinitx imsakkra. Jghid li dak il-hin ra lil mara taghlaq il-bieba u qal li ma kinitx twila hafna, mhijiex irqiqa u xaghra bjond u gilda mhux ta' lewn skur. Ix-xhud indika lill-imputata prezenti fl-awla. Jghid: *"Din hi bil-qeghda"* (*a fol.* 77). Jghid li kellu l-*crane* u t-trakk u li l-kartiera haduhielu minn gol-vettura.

Illi, fis-seduta tal-20 ta' Jannar 2016, xehed ukoll **Bryden Antonelli** (*a fol.* 79 *et seq.*) fejn ikkonferma li fis-sena 2014 mar jaghmel rapport fl-Ghassa tal-Pulizija gewwa z-Zurrieq. Mistoqsi jghid meta kien dan u fuq xiex mar jaghmel rapport, wiegeb li ma jiftakarx ezatt meta kien peress li kellu aktar minn rapport wiehed. Jghid li, jekk m'huwiex sejjer zball, kien ix-xahar ta' Lulju u r-rapport kien fuq serq ta' helu. Jghid li xoghlu huwa dak ta' furnar u li kien jipprepara l-helu gol-vann fil-ghaxijiet u jkun qieghed gewwa dehlin u hergin u meta f'hin minnhom mar biex jghabbi ma sab xejn. Jghid: *"Darba, tnejn, tlieta. Darba s-Sibt inzilt biex inqatta' zewg hobziet immur l-istage ta' wara u ma nsibx il-kaxxa tal-flus"* (*a fol.* 79). Jghid li kellu vettura Transit Toyota bit-tilari tal-helu *"u kienet tehodhomli"* (*a fol.* 79). Jghid li l-kaxxa tal-flus insterqet minn got-Transit bin-numru ta' registrazzjoni JAA 815 jew 9, peress li ghandu tnejn. Mistoqsi jghid jekk kellux flus fil-kaxxa, wiegeb: *"Ma nafx ezatt ghax ma nkunx ghadni ghoddejt il-flus imma, bejn wiehed u iehor, dejjem ikolli seba' mija"* (*a fol.* 80). Jghid li mbaghad kellu ohrajn fejn mit-tilari ttiehdu pasti xotti f'pakketti. Mistoqsi jghid kemm jiswew b'kollox, wiegeb: *"Ma nafx nghidlek. Dejjem ikunu 'l fuq minn hamsin Euro il-wiehed"* (*a fol.* 80). Mitlub jghid x'semma aktar fir-rapport, wiegeb: *"Ma nafx ezatt"* (*a fol.* 80). Mistoqsi jghid jekk meta ghamel ir-rapport kellux suspett f'xi hadd jew inkella jekk indikax lil xi hadd li seta' kien, wiegeb: *"Kelli suspett imma mbaghad dan l-ahhar ricenti konna, mhux ricenti ilu fuq sena zgur, konna qbadniha bis-CCTV u mbaghad kienet fethitli l-vannijiet fhimt x'hin taghmel, tinduna li"* (*a fol.* 80). Jghid li qed jirreferi ghall-imputata u jispecifika li hija wahda

miz-Zurrieq b'xaghra isfar. Jghid li t-tilar ittiehed mit-Transit bl-ittri JAA. Mistoqsi jghid jekk kellux xi vetturi ohra li nsterqulu xi haga minnhom, wiegeb x'insteraqlu minn vann iehor.

In kontro-ezami jghid li ssuspetta li kienet l-imputata li kienet involuta fis-serq u jghid ghala.

Illi, fis-seduta tal-15 ta' Gunju 2016, xehed **Paul Cachia** (*a fol.* 92 *et seq.*) fejn ikkonferma li fis-sena 2014 mar jaghmel rapport fl-Ghassa tal-Pulizija taz-Zurrieq pero' ma jiftakarx il-gurnata meta ghamel ir-rapport pero' jghid li, jekk mhux sejjer zball, kien Awwissu. Jispjega li r-rapport ghamlu peress li mill-hanut tal-haxix f'Hal-Safi bl-isem "Oasi Greengrocer" fil-gurnata tas-Sibt kienu naqsulu hdax il-kaxxa u wahda tal-*mushrooms* blu. Jghid li r-rapport ghamlu xi jumejn wara u li meta ghamel ir-rapport ha wkoll filmati mill-*cameras*. Jghid li l-kaxxi kienu dawk hodor tal-pitkalija li juza ghall-haxix u li kienu qeghdin quddiem il-hanut mal-hajt. Mistoqsi jghid kemm jiswew il-kaxxi, jghid li, bejn wiehed u iehor, madwar seba' Euro (€7.00) il-wahda. Mistoqsi jghid x'ra fil-filmati, wiegeb: *"rajt karozza tieqaf f'nofs ta' triq, mara bjonda nizlet mill-karozza u ghaddiet minn wara l-kaxxi, hatfet mazz kaxxi u ghaddiethom ghal gol-karozza"* (*a fol.* 93). Mitlub jiddeskrivi x'kienet il-vettura, il-kulur u l-ghamla, wiegeb: *"Ma niftakarhiex ghax kienet fuq il-camera ma niftakarx"* (*a fol.* 93). Mitlub jghid jekk innutax xi haga partikolari fuq il-vettura, wiegeb: *"Ehe l-vettura l-mod kif hsibt jien kellha l-hgiega ta' wara nieqsa minn fejn ghaddiet il-kaxxi tal-bagoll, l-hgiega tal-bagoll nieqsa l-mod kif hsibt jiena"* (*a fol.* 93). Meta nghad lilu li huwa qal li ra mara, mitlub jghid jekk qattx raha hemmhekk, wiegeb: *"Le, Le qatt ma rajtha jien"* (*a fol.* 93). Mistoqsi jghid jekk jaghrafx lil xi hadd fl-awla, wiegeb: *"Sincerament dan il-kaz gara xi ghoxrin xahar ilu, rajtu darba fuq camera, ma nistax niggudika f'hadd"* (*a fol.* 93). Jghid li hu ra car li l-mara kienet bjonda pero' qal li ma jistax iwahhal f'kull min hu bjond. Jghid li l-figura ta' din il-mara kienet wahda kabbarija *"m'hijiex petita zgur hekk. Jigifieri biex tiflah hdax il-kaxxa ma tridx tkun mara zghira"* (*a fol.* 94).

Illi, fis-seduta tal-15 ta' Gunju 2016, xehdet ukoll **Edith Sacco** (*a fol.* 95 *et seq.*) fejn qalet li hija sid tal-hanut bl-isem ta' "Frutta Verdura"

li jinsab f'Blue Grotto Avenue, fiz-Zurrieq. Tixhed li f'Lulju ta' sentejn ilu kellha l-kaxxi tal-haxix barra u mar zewgha biex jirrangahom u ma sabhomx hemm. Tghid li cemplet lil ommha u tispjega fejn kienet ommha u x'qaltilha li rat. Tixhed li kellha neqsin madwar hmistax u ghoxrin kaxxa. Mistoqsija tghid kemm jiswew, tghid li jiswew madwar seba' Euro (€7.00) il-wahda. Tghid li fil-hanut m'hemmx *cameras*.

Illi, fis-seduta tal-15 ta' Gunju 2016, xehdet ukoll **Antoinette Cassar** (*a fol.* 98 *et seq.*) fejn spjegat li Edith Sacco hija bintha li ghandha l-hanut "Frutta Verdura" li jinsab fiz-Zurrieq. Tispjega li waqt li kienet ghand il-*hairdresser* li jinsab fi triq ta' wara l-hanut ta' bintha, ghall-habta tal-11.00am cemplitilha bintha biex tara jekk missierha kienx ghamlilha xi cajta billi heba l-kannestri, hi (Antoinette) cemplet lil zewgha u cemplet lil bintha f'liema hin hi (Antoinette) kienet qeghda fil-bieb u rat vettura ta' kulur skur ghaddejja, liema vettura ma kellhiex hgieg u rat li kienet mimlija kannestri hodor tal-haxix. Tghid li ma tafx ta' min kienu dawn il-kannestri. Tixhed li l-vettura waqfet ftit il-boghod fejn kien hemm trakkijiet jaghtu l-affarijiet lin-nies tal-hwienet u li mill-vettura harget mara. Tghid li lil din il-mara qatt ma ratha qabel u tghid ukoll li ratha mill-boghod u li kienet ftit qawwija, b'xaghra bjond qasir. Mitluba thares fl-awla, qalet: *"Mill-boghod hi qisha"* (*a fol.* 99) u indikat lill-imputata. Tixhed li minn dakinhar qatt ma regghet ratha lil din il-mara.

Illi, fis-seduta tat-22 ta' Novembru 2016, xehed **Dr. Martin Bajada** (*a fol.* 105) fejn spjega li kien gie nkarigat fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Christian Said** mill-Magistrat Dr. Josette Demicoli fejn inghata zewg *CCTVs* li ngabru mill-Pulizija. Jghid li minn fuqhom ghamel kopji u hareg ukoll l-i*stills* rilevanti. Ipprezenta r-rapport tieghu, inkluz il-filmati u l-i*stills*, liema rapport gie mmarkat bhala Dok. "MB 1" (*a fol.* 106 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tat-22 ta' Novembru 2016, xehed **Christian Said** (*a fol.* 124) fejn ghazel li ma jixhidx wara li gie nfurmat li kellu l-ghazla li ma jixhidx stante li kien ghad hemm pendenti kontra tieghu proceduri kriminali.

**Christian Said** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tas-7 ta' Novembru 2017 (*a fol.* 130) fejn informa lill-Qorti li l-proceduri krininali fil-konfront tieghu gew fi tmiemhom u li ma kien hemm l-ebda appell mis-sentenza moghtija. Gharaf lill-imputata prezenti fl-awla. Jghid li hu u l-imputata kellhom relazzjoni ta' ghaxar snin, minn liema relazzjoni kellhom zewgt'itfal, wiehed ta' erba' snin u iehor ta' seba' snin. Jghid li r-relazzjoni spiccat pero' dan l-ahhar bdew jitkellmu biex jippruvaw jghaqqdu l-familja. Jghid li hu ilu *clean* u li qieghed izomm kuntatt mal-imputata billi jehdulha t-tfal kull xahar.

Illi, fis-seduta tat-8 ta' Marzu 2018, id-difiza ezebiet zewg dokumenti li gew immarkati bhala Dok. "X" (*a fol.* 137) u Dok. "Y" (*a fol.* 138).

Illi, fis-seduta tal-11 ta' Ottubru 2018, xehed **Noel Cassar** (*a fol.* 144) fejn qal li huwa stazzjonat il-Caritas. Jghid li l-Caritas qed jistenna lill-imputata tigi rilaxxata mis-sentenza taghha u tibda tattendi s-sessjonijiet individwali biex tirranga l-problema li ghandha. Ezebixxa dokument in sostenn ta' dan li gie mmarkat bhala Dok. "NC 1" (*a fol.* 146). Ghad-domanda jekk qabel il-persuna tigi accetata, jekk il-Caritas tkunx ezaminat lill-individwu, wiegeb fl-affermattiv u qal li l-imputata hija eligibbli.

Illi, fis-seduta tal-11 ta' Ottubru 2018, xehdet ukoll **Il-Psikjatra Dr. Clare Axiaq** (*a fol.* 147 *et seq.*) fejn qalet li l-ewwel darba li kellmet lill-imputata kien madwar sena qabel u li qabel dan il-perjodu ta' sena, l-imputata ma kinitx pazjenta taghha. Tghid li l-imputata hija persuna *"veru tajba"* (*a fol.* 147) u li qatt ma qalghet problemi l-habs. Tghid li tixtieq li meta l-imputata tohrog mill-habs, hija ssegwi l-programm tal-Caritas. Tispjega li l-imputata marret tkellimha fuq il-problema tad-droga. Tixhed: *"Ma jidhirlix li kien hemm rapporti li kienet tiehu d-droga gewwa l-ambitu tal-habs u dejjem qalet li meta tkun fuq barra tixtieq tittekilja l-problema. Nahseb wiehed mill-ahjar soluzzjonijiet hija li tahdem halli tintegra fis-socjeta' u taghmel progamm"* (*a fol.* 147-148).

Illi, fis-seduta tal-11 ta' Ottubru 2018, xehed ukoll **CO 16 David Mellors** (*a fol.* 149 *et seq.*) fejn qal li huwa jahdem fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin. Ikkonferma li ilu jsegwi lill-imputata ghal xi zmien. Ezebixxa r-rizultati tat-testijiet tal-awrina tal-imputata li gew immarkati bhala Dok. "DM 1" (*a fol.* 152 *et seq.*). Jghid li jaf lill-imputata l-Facilita' Korrettiva ta' Kordin ghal sentejn jew tlieta, pero' jghid li mhux aktar minn tliet snin.

**Ikkunsidrat**
**Konsiderazzjonijiet Legali fir-rigward tal-Livell ta' Prova Rikjesta**

Illi huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputata huma veri u dan ghaliex kif jghid il-**Manzini** fil-ktieb tieghu **Diritto Penale** (Vol. III, Kap. IV, pagna 234, Edizione 1890):

> *"Il così detto onero della prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali li, biex l-imputata tigi ddikjarata hatja, l-imputazzjonijiet dedotti ghandhom jigu pruvati *oltre* kull dubju ragjonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raguni.

Hawnhekk il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Philip Zammit et** u tghid pero' mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex persuna akkuzata tigi ddikjarata liberata, hemm bzonn li "*dubju jkun dak dettat mir-raguni*".

Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Dicembru 1997 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Peter Ebejer**, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-Gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment

konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz **Miller vs. Minister of Pension** - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni "*proof beyond a reasonable doubt*".

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice".*

**Ikkunsidrat**

Illi fil-kawza odjerna l-imputata qed tigi akkuzata b'sitt imputazzjonijiet li jirrigwardaw serq, uhud minn liema imputazzjonijiet huma kkwalifikati jew bi kwalifika wahda jew b'aktar minn wahda jew b'xejn. L-imputata qed tigi akkuzata wkoll b'ricettazzjoni u talli kisret kundizzjoni imposta fuqha b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-1 ta' April 2014.

Illi, fin-Nota ta' Sottomissjonijiet taghha (*a fol.* 166 *et seq.*), il-Prosekuzzjoni tishaq li l-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tal-imputata gew sodisfacentment pruvati u dana ghar-ragunijiet imsemmija fl-imsemmija Nota. Fis-sottomissjonijiet orali taghha (*a fol.* 169 *et seq.*), id-difiza tishaq, fost l-ohrajn, fuq il-mezzi li l-Qorti ghandha f'idejha flok timponi piena effettiva u dana sabiex l-imputata ma tergax tmur lura mill-passi 'l quddiem li ghamlet f'hajjietha.

Illi, qabel il-Qorti tghaddi biex taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha fir-rigward tal-imputazzjonijiet *per se* addebitati fil-konfront tal-imputata, il-Qorti taghmel riferenza ghall-istqarrija rilaxxata mill-imputata fis-27 ta' Awwissu 2014 (Dok. "JF 1" – *a fol.* 21 *et seq.*), fejn hija ma wegbitx ghad-domandi li sarulha. Il-Qorti tinnota li

din l-istqarrija (inkluz ix-xiehda tal-Ufficjali Prosekuturi in kwantu dawn jirreferu ghal dak li stqarret l-imputata waqt l-investigazzjoni, skond il-kaz) ser tigi skartata u dana peress li minkejja li d-dritt ghall-assistenza legali qabel l-interrogatorju dahal fis-sehh fl-10 ta' Frar 2010, permezz tal-Avviz Legali 35/2010 (u cioé qabel l-imputata rrilaxxat l-istqarrija taghha), u minkejja li l-imputata nghatat dan id-dritt, jirrizulta li l-imputata ma kellhiex avukat prezenti maghha waqt it-tehid ta' tali stqarrija u dana *stante* li dan ma kienx possibbli meta ttiehdet l-istqarrija in kwistjoni. Dan qieghed jinghad in segwitu ta' dak li gie deciz mill-Qorti Kostituzzjonali fl-14 ta' Dicembru 2018 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Aldo Pistella**.

Illi stante li l-maggior parti tal-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputata jirrigwardaw serq, il-Qorti hija tal-fehma li ghandha ssir riferenza ghad-decizjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Anthony Borg Inguanez** moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-26 ta' Awwissu 1998 fejn inghad is-segwenti:

> "L-Ewwel Qorti korrettement irriteniet li d-definizzjoni ta' serq komunement abbraccjata fil-gurisprudenza taghna hi dik tal-Carrara u cioé:
>
> *"La contrettazione [...] dolosa della cosa altrui, fatta "invite dominio", con animo di farne lucro."*
>
> (Ara **Il-Pulizija vs. Carmelo Felice**, 10/1/42, **Il-Pulizija vs. Pawlu Scicluna et**, 9/12/44, it-tnejn Appelli Kriminali). Izda din id-definizzjoni hi wkoll suggetta ghall-interpretazzjoni dottrinali u gurisprudenzjali. Kif jispjega l-Manzini b'referenza ghad-definizzjoni ta' serq moghtija fl-Artikolu 624 tal-*Codice Rocco*:
>
> *"Obiettivament, possono essere "altrui" soltanto quelle cose che costituiscono attualmente oggetto di proprietà o di altro diritto reale. Soggettivamente, e nel senso della nozione del furto, è "altrui" la cosa che è in proprietà e in possesso di una persona diversa da quella che se ne impossessa, e parimenti la cosa che,*

*pur essendo in proprietà di chi sottraendola se ne impossessa, si trova, di diritto o di fatto, nel potere d'altri che abbia facoltà di usarne o di disporne altrimenti. In questo senso una cosa può essere contemporaneamente propria ed altrui"* (Manzini, V., Trattato di Diritto Penale Italiano (Nuvolone, P. e Pisapia G.D., ed.), UTET, 1984, Vol. IX, para. 3229)".

Illi l-Qorti ser issa tghaddi biex tikkunsidra l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputata.

**Ikkunsidrat**

**L-Ewwel (1) Imputazzjoni**
**(Serq Ikkwalifikat bil-Hin ghad-dannu ta' Joseph Sammut)**:
Illi f'dawn il-proceduri xehed Joseph Sammut fejn meta gie mistoqsi dwar rapport li sar minnu fl-Ghassa tal-Pulizija taz-Zurrieq fis-sena 2014 ikkonferma li gie misruq matul il-lejl mill-hanut bl-isem ta' "Filder Market" li jmexxi huwa. Minkejja li huwa ma ftakarx id-data, spjega li kellu xi kannestri u haxix li ma nstabux. Da parte tieghu, fl-okkorrenza (Dok. "MM 1" – *a fol.* 38 *et seq.*) redatta u ezebita minn PS 1434 Mario Mercieca jirrizulta li s-serqa sehhet fil-lejl ta' bejn il-21 u t-22 ta' Lulju 2014 u li Sammut irraporta li kienu gew neqsin madwar seba' kannestri li jammontaw ghal tnejn u erbghin Euro (€42.00) u haxix li jammonta ghal tmienja u sebghin Euro (€78.00).

Illi in kwantu ghall-filmat mis-CCTV li Joseph Sammut ghadda lil PS 1434 Mario Mercieca, liema filmat u *stills* jirrizultaw mir-rapport redatt minn Dr. Martin Bajada (Dok. "MB 1" – *a fol.* 106 *et seq.*) jidhru zewg persuni, ragel u mara li ghall-habta tat-3.52 tat-22 ta' Lulju 2014 igorru kannestri bil-haxix fihom. Mill-filmat u mill-i*stills* jirrizulta, u dana tenut tal-korporatura tal-gisem, li l-imputata kienet wahda mill-persuni li kkommettiet din is-serqa.

Illi kemm mill-okkorrenza ta' PS 1434 Mario Mercieca u kif ukoll mill-filmat li jsir riferenza ghalih hawn fuq jirrizulta li s-serqa sehhet fit-22 ta' Lulju 2014 kmieni fil-ghodu.

Illi, tenut kont ta' dak li nghad hawn fuq u tenut kont ta' dak li jiddisponi Artikolu 270 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti ma ghandu jkollha l-ebda dubju li l-ewwel (1) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputata giet sodisfacentement pruvata, inkluz il-kwalifika, u b'hekk l-imputata ser tinstab hatja taghha.

**It-Tieni (2) Imputazzjoni**
**(Serq Ikkwalifikat bil-Lok ghad-dannu ta' Saviour Formosa)**:
Illi l-atti processwali jikkontjenu d-depozizzjonijiet moghtija minn PS 1429 Eric Mangion u PS 639 Jean Mangion u tar-rapporti redatti minnhom (Dok. "EM 1" – *a fol.* 34 *et seq.* u Dok. "JM 1" – *a fol.* 43 *et seq.*) minn liema rapporti jirrizulta li l-persuna li ghamel ir-rapport ta' serq kien Saviour Formosa. Minkejja dan, il-Prosekuzzjoni naqset milli tressaq bhala xhud lil Saviour Formosa f'dawn il-proceduri. Tenut kont ta' dan, il-Qorti ma tista' qatt issib htija fl-imputata tat-tieni (2) imputazzjoni addebitata fil-konfront taghha u b'hekk l-imputata ser tigi liberata minnha.

**It-Tielet (3) Imputazzjoni**
**(Serq Mhux Ikkwalifikat ghad-dannu ta' Paul Cachia)**:
Illi f'dawn il-proceduri xehed Paul Cachia fejn filwaqt li ma ftakarx id-data ta' meta mar jaghmel rapport fl-Ghassa tal-Pulizija taz-Zurrieq, pero' jghid li kien fis-sena 2014 u li, jekk mhux sejjer zball, kien Awwissu. Spjega li fil-gurnata tas-Sibt kien sab neqsin hdax il-kaxxa u wahda tal-*mushrooms* blu mill-hanut tal-haxix f'Hal-Safi bl-isem "Oasi Greengrocer". Spjega li l-kaxxi jiswew madwar seba' Euro (€7.00) il-wahda. Da parte tieghu, fl-okkorrenza (Dok. "JM 2" – *a fol.* 46 *et seq.*) redatta u ezebita minn PS 639 Jean Mangion jirrizulta li serqa sehhet fis-26 ta' Lulju 2014 u li Cachia rrapporta li kienu nsterqulu madwar disa' kaxxi hodor tal-haxix u kaxxa tal-*mushrooms* blue u li l-imsemmija kaxxi jiswew madwar seba' Euro (€7.00) il-wahda.

Illi in kwantu ghall-filmat mis-CCTV li Paul Cachia ghadda lill-Pulizija, liema filmat u *stills* jirrizultaw mir-rapport redatt minn Dr. Martin Bajada (Dok. "MB 1" – *a fol.* 106 *et seq.*) tidher mara bl-istess korporatura tal-gisem li ssir riferenza ghaliha fil-filmat li jsir riferenza ghalih fil-konsiderazzjonijiet rigward l-ewwel (1)

imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputata u, tenut kont tal-fatt li l-inkorporatura ta' din il-persuna hija l-istess bhal dik tal-imputata, u dana apparti l-fatt li l-istess imputata tingharaf fil-filmat u fl-istills, jirrizulta li l-imputata kienet involuta fis-serq li jsir riferenza ghalih fit-tielet (3) imputazzjoni.

Illi kemm mill-okkorrenza ta' PS 639 Jean Mangion u mill-filmat li jsir riferenza ghalih hawn fuq jirrizulta li s-serqa sehhet fis-26 ta' Lulju 2014 fl-14.22pm.

Illi, tenut kont ta' dak li nghad hawn fuq, il-Qorti ma ghandu jkollha l-ebda dubju li t-tielet (3) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputata giet sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputata ser tinstab hatja taghha.

**Ir-Raba' (4) Imputazzjoni**
**(Serq Ikkwalifikat bil-Valur, bil-Hin u bix-Xorta tal-Haga Misruqa ghad-dannu ta' Mario Scicluna)**:
Illi l-atti processwali jikkontjenu d-depozizzjoni ta' Mario Scicluna fejn spjega x'insteraqlu fil-lejl ta' bejn is-27 ta' Lulju 2014 u t-28 ta' Lulju 2014 mill-Mitsubishi Pick-Up bin-numru ta' registrazzjoni CBA 646 li kienet ipparkjata quddiem id-dar tieghu. Spjega li gie moghti informazzjoni ta' numru ta' vettura u li kien hemm ragel u mara nvoluti fis-serqa. Minkejja li huwa jghid li ra filmat minn CCTV *camera* u minkejja li huwa jghid li ra mara u minkejja li jghid li l-mara kienet daqxejn mibruma u, jekk mhux sejjer zball, kellha xaghra daqxejn fl-isfar u minkejja li jghid li jista' jkun li l-mara hija l-imputata, jirrizulta li l-filmat ma giex ezebiet f'dawn il-proceduri.

Tenut kont tal-fatt ta' dak li nghad fil-paragrafu precedenti u tenut kont ta' dak li jirrizulta mill-okkorrenza (Dok. "MM 3" – *a fol.* 62 *et seq.*) li giet ezebita minn PS 1434 Mario Mercieca fir-rigward tas-serqa mertu tal-imputazzjoni odjerna, il-Qorti tinnota li abbazi tal-provi prodotti fir-rigward tal-imputazzjoni in ezami ma jistax jigi konkluz li l-imputata wettqet din is-serqa jew li kienet komplici fis-serqa. Ghaldaqstant, il-Qorti ma tista' qatt issib htija fl-imputata tar-raba' (4) imputazzjoni addebitata fil-konfront taghha u b'hekk l-imputata ser tigi liberata minnha.

**Il-Hames (5) Imputazzjoni**
**(Serq Mhux Ikkwalifikat ghad-dannu ta' Edith Sacco)**:
Illi l-atti processwali jikkontjenu d-depozizzjoni ta' Edith Sacco fejn spjegat li f'Lulju 2014 sabet kaxxi tal-haxix nieqsa mill-hanut taghha bl-isem "Frutta Verdura". Xehdet li kellha madwar hamsa u ghoxrin kaxxa niseqa u li dawn jiswew madwar seba' Euro (€7.00) il-wahda. Fir-rapport (Dok. "MP 1" – *a fol.* 28 *et seq.*) redatt u ezebiet minn PS 1227 Malcolm Pace jirrizulta li s-serqa saret fid-29 ta' Lulju 2014. Mill-istess rapport jirrizulta li Edith Sacco rrapportat li kienu nsterqulha madwar ghoxrin kaxxa li jiswew seba' Euro (€7.00) il-wahda.

Illi, apparti dak li nghad hawn fuq fir-rigward tal-hames (5) imputazzjoni, l-atti processwali jikkontjenu wkoll id-depozizzjoni moghtija minn Antoinette Cassar, li tigi omm Edith Sacco, liema Cassar spjegat x'rat meta kienet ghand il-*hairdresser* fil-mument li cemplitilha bintha Edith Sacco. Hija spjegat li rat vettura mimlija kannestri minn liema harget mara li skond hi kienet ftit qawwija b'xaghra bjond qasir. Meta giet mitluba thares fl-awla indikat lill-imputata u qalet: *"Mill-boghod hi qisha"* (*a fol.* 99). Ghab-bazi ta' din biss u tenut kont tal-incertezza ta' Antoinette Cassar milli tidentifika sew lill-imputata u in vista tal-fatt li fir-rigward tal-imputazzjoni in ezami ma jirrizulta l-ebda filmat, il-Qorti ma tista' qatt tasal ghall-sejbien ta' htija fl-imputata fir-rigward tal-imsemmija imputazzjoni. Ghaldaqstant, il-Qorti ser tillibera lill-imputata mill-hames (5) imputazzjoni addebitata fil-konfront taghha.

**Is-Sitt (6) Imputazzjoni**
**(Serq Ikkwalifikat bix-Xorta tal-Haga Misruqa ghad-dannu ta' Terence Schembri)**:
Illi fid-depozizzjoni tieghu Terence Schembri jiftakar li fis-sajf tas-sena 2014 ghamel rapport fl-Ghassa tal-Pulizija u dana in segwitu tal-fatt li gie misruq minn vettura bin-numru ta' registrazzjoni EAU 695. Spjega li nsterqitlu l-kartiera, li fiha kellu xi flus (pero' ma jiftakarx kemm ezatt) u *cards* tal-bank. Spjega wkoll li ra mara taghlaq il-bieba li jiddiskreviha bhala mhux twila hafna, li ma

kinitx irqiqa u b'gilda mhux ta' lewn skur. Ix-xhud indika li din il-persuna kienet l-imputata prezenti fl-awla.

Illi mir-rapport (Dok. "MM 2" – *a fol.* 58 *et seq.*) redatt minn PS 1434 Mercieca, liema rapport gie ezebiet mill-istess PS 1434 Mercieca, jirrizulta li Terence Schembri rrapporta li kien gie misruq fid-29 ta' Lulju 2014 ghall-habta tas-13.30pm mill-vettura tieghu.

Illi, tenut kont ta' dak li nghad hawn fuq, fejn, fost l-ohrajn, Schembri identifika lill-imputata fl-awla bhala l-mara li ra taghlaq il-bieba tal-vettura, u tenut kont ta' dak li jiddisponi Artikolu 271(g) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti ma ghandu jkollha l-ebda dubju li s-sitt (6) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputata giet sodisfacentement pruvata, inkluz il-kwalifika, u b'hekk l-imputata ser tinstab hatja taghha.

**<u>Is-Seba' (7) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Ricettazzjoni)</u>**:
Illi m'ghandux ikun hemm dubju li din l-imputazzjoni nghatat bhala alternattiva ghall-imputazzjonijiet l-ohra ta' serq addebitati fil-konfront tal-imputata. Ghaldaqstant, il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija imputazzjoni.

**<u>Ksur ta' Kundizzjoni imposta b'Sentenza</u>:**
Illi l-Qorti giet mitluba sabiex titratta mal-imputata bhala wahda li kisret kundizzjoni mposta fuqha b'sentenza moghtija fl-1 ta' April 2014 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta). Ghandu jinghad li l-atti processwali jikkontjenu vera kopja ta' sentenza moghtija fl-1 ta' April 2014 fil-konfront ta' Sandra Grixti (Dok. "JF 2" – *a fol.* 52 *et seq.*). M'ghandux ikun hemm dubju li din is-sentenza nghatat fil-konfront tal-imputata fil-kawza odjerna u dana *stante* li l-konnotati tal-persuna kontra min inghatat din is-sentenza huma identici ghal dawk tal-imputata fil-kawza odjerna. Minkejja dan, il-Qorti tinnota li filwaqt li ma jirrizultax x'inhi l-kundizzjoni li jinghad li giet miksura meta nghatat is-sentenza in kwistjoni, fl-atti processwali ma giex prezentat id-Digriet li jelenka l-kondizzjonijiet, liema Digriet isir riferenza ghalih fis-sentenza msemmija u jinghad fis-sentenza li d-Digriet kien anness maghha. Tenut kont ta' dan, il-

Qorti ma tistax issibx htija fl-imputata li kisret kundizzjoni imposta bis-sentenza li ssir riferenza ghaliha u b'hekk l-imputata mhux ser issibha hatja t'hekk.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputazzjonijiet li gew sodisfacentement pruvati huma s-segwenti: l-ewwel (1), it-tielet (3) u s-sitt (6) imputazzjoni.

Illi, fir-rigward il-piena li ghandha tigi nfitta fil-konfront tal-imputata ghar-reati addebitati lilha, il-Qorti ser tiehu diversi fatturi in konsiderazzjoni, fosthom: in-natura tar-reati addebitati fil-konfront tal-imputata u li gew pruvati, il-fedina penali taghha (*a fol.* 3), dak li nghad minn Noel Cassar u mill-Psikjatra Dr. Clare Axiaq fid-depozizzjonijiet taghhom, u kif ukoll dak li nghad mill-Prosekuzzjoni meta l-Qorti staqsietha x'tahseb dwar dak li qalet id-difiza fis-sottomissjonijiet finali taghha meta qalet li l-imputata ma ghandhiex tinghata sentenza ta' prigunerija effettiva.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti,

filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tas-seba' (7) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputata,

ma ssibx lill-imputata hatja tat-tieni (2), tar-raba' (4) u tal-hames (5) imputazzjoni u lanqas li kisret kundizzjoni mposta fuqha b'sentenza tal-1 ta' April 2014 u b'hekk tilliberaha minnhom,

u

wara li rat Artikoli 18, 261(f), 261(g), 270, 271(g) u 284 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputata Sandra Grixti hatja tal-ewwel (1), tat-tielet (3) u tas-sitt (6) imputazzjoni migjuba fil-konfront taghha u billi Hija tal-fehma li fic-cirkostanzi piena karcerarja ma hijiex il-piena idonea u billi jissussistu l-elementi *ai termini* ta' l-Artikolu 7(2) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, a tenur ta' l-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tqieghed lill-imputata Sandra Grixti taht ordni ta' *probation* ghal

perijodu ta' sentejn mil-lum, liema ordni huwa soggett ghall-kondizzjonijiet elenkati fid-Digriet moghti llum stess u anness ma' din is-sentenza.

*Ai termini* ta' l-Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti fissret lill-imputata Sandra Grixti bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti ta' l-ordni ta' *probation* u tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-Digriet anness ma' din is-sentenza u li f'kaz li tonqos milli tikkonforma ruhha ma' dik l-ordni u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'kaz li taghmel reat iehor tul it-terminu ta' l-ordni ta' *probation,* tistgha tinghata sentenza ghar-reati li taghhom nstabet hatja b'din is-sentenza.

*Ai termini* ta' l-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u ta' l-ordni ta' *probation* moghti b'Digriet ta' llum stess ghandhom jigu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation sabiex jassenja ufficjal tal-*probation* biex ikun responsabbli ghas-sorveljanza ta' l-imputata Sandra Grixti.

Fl-ahhar nett, b'applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna lill-hatja Grixti sabiex fi zmien sena millum thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-espert f'dawn il-proceduri u cioé is-somma ta' mitejn u tlieta u hamsin Euro u hdax il-centezmu (€253.11).[1]

__________________________

**Dr. Neville Camilleri**
**Magistrat**

__________________________

**Ms. Alexia Attard**
**Deputat Registratur**

[1] Dr. Martin Bajada (Dok. "MB 1" – *a fol.* 109 *tergo*) (€253.11).